*l-appellata ma setgħetx tinvoka favur tagħha d-dispożizzjonijiet tal-L.S. 452.91, ġaladarba hija ma kinitx tat avviż bil-miktub u ppreżentat iċ-ċertifikat tat-tabib jew qabla skont kif rikjest minnha minn dawk l-istess regolamenti*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 28/2020 LM

**Maria Caruana (K.I. nru 0294194M)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**GCS Accounting Malta Limited (C 79685)**
*("l-appellanta")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **GCS Accounting Malta Limited** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn

issa 'l quddiem "it-Tribunal"] fid-9 ta' Lulju, 2020, fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru 3733/FM, fejn laqa' t-talbiet tar-rikorrenti **Maria Caruana (K.I. nru 0294194M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellata"] u ddeċieda kif ġej:

*"<u>**4. Deċiżjoni**</u>*

*It-Tribunal jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrenti Maria Caruana waqt li kienet tqila u fil-perijodu ta' prova minn mas-Soċjetà Intimata GCS Accounting Limited saret bi ksur tal-Artikolu 12A(ċ) tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) Leġislazzjoni Sussidjarja 452.91.*

*<u>**5. Kumpens**</u>*

*It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-Rikorrenti Maria Caruana mis-Soċjetà Intimata GCS Accounting Limited fl-ammont ta' €10,000 (għaxart elef Ewro) li jridu jitħallsu mhux aktar tard mid-9 ta' Awwissu 2020.*

*<u>**6. Drittijiet**</u>*

*It-Tribunal jiffissa d-drittijiet li ghandhom jitħallsu lil min assista lill-partijiet ai termini ta' l-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 fl-ammont ta' €93 kull wieħed."*

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-tkeċċija allegatament inġusta tal-appellata minn mas-soċjetà appellanta fil-21 ta' Diċembru, 2018[1], wara li hija kienet ilha taħdem mal-imsemmija kumpannija ftit ġimgħat fuq kuntratt indefinit tax-xogħol[2] fil-kariga ta' *Audit Supervisor.* Sadanittant hija kienet fl-

[1] Ara ittra ta' tkeċċija Dok. MC2 *a fol.* 11 tal-atti tat-Tribunal.
[2] Ara Dok. MC1 *a fol.* 5, kuntratt ta' xogħol tat-18.04.18 fejn il-partijiet ftiehmu li l-appellata kellha tibda xogħol fil-01.10.18.

istess xahar ta' Diċembru 2018, ħarġet bil-*maternity leave* bi ftehim mas-soċjetà appellantà.

**Mertu**

3. L-appellata istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fil-11 ta' Marzu, 2019, permezz ta' rikors fejn talbet sabiex l-imsemmi Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tagħha mix-xogħol kienet waħda inġusta u msejsa fuq raġunijiet mhux tajba u suffiċjenti skont il-liġi. Għalhekk talbet sabiex jiġu ordnati dawk il-miżuri opportuni skont il-liġi, u anki l-ħlas ta' kumpens xieraq u adegwat.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-2 ta' Mejju, 2019 fejn eċċepiet li t-talbiet tal-appellata kienu infondati fil-fatt u fid-dritt għal dawk ir-raġunijiet li hija tispjega fir-risposta tagħha, u għalhekk dawn kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni finali tiegħu:

*"3. Konsiderazzjonijiet*

*Matul is-smigħ tal-Każ irriżulta illi meta bdiet l-impjieg tagħha r-Rikorrenti kienet ġa tqila (Seduta 29.1.20 fol. 1-2 u Seduta 4.3.20 fol. 3-4). Jirriżulta wkoll illi r-Rikorrenti ma ppreżentatx ċertifikat maħruġ minn tabib jew qabla skont il-provvedimenti tal-Artikolu 2(1) (definizzjoni ta' "impjegata tqila") tar-Regolamenti ċitati (seduta 29.5.20 fol. 7). Dana ma jfissirx li r-Rikorrenti ma kienitx tqila għaliex ir-*regina

probationum *tat-tqala tagħha tirriżulta mill-fatt li propju dak iż-żmien hija welldet tarbija. Ma hemmx dubju li l-liċenzjament sar waqt it-tqala tar-Rikorrenti u waqt li hi kienet fi żmien ta' prova. Il-pern tal-każ kollu huwa dwar ir-raġuni għal-liċenzjament tagħha. Is-Soċjetà Intimata tirritjeni li r-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-Rikorrenti huma tnejn (a) prinċipalment minħabba numru ta' żbalji materjali li hi kkommettiet waqt l-impjieg tagħha u (b) t-tħassib dwar kunflitt ta' interess li irriżulta kawża ta' kwistjoni li nqalgħet bejn wieħed mill-klijenti ewlenin tagħha u l-*partner *tar-Rikorrenti (Ittra tat-terminazzjoni 21.12.19 Dok MC 2). Ir-Rikorrenti fir-Rikors tagħha tgħid illi r-raġuni vera kienet pressjoni minn terzi persuni bi tpattija fuq ir-Rikorrenti u s-sieħeb tagħha. Tgħid ukoll illi s-Soċjetà Intimata iffabrikat sett ta' allegazzjonijiet dwar il-*performance *tagħha. Eżami bir-reqqa tal-iżbalji allegatament kommessi mir-Rikorrenti waqt il-perijodu ta' ħidma tagħha juru nuqqasijiet kbar li seta' kellhom konsegwenzi serji, ċertu ammont ta' traskuraġni u irresponsabbiltà. Iżda t-Tribunal għandu dubju serju jekk dawk kienux jilħqu l-livell ta' raġuni ġusta u suffiċjenti li titlob il-liġi biex tiġġustifika tkeċċija mill-impjieg. It-Tribunal ikkunsidra wkoll ir-raġuni mogħtija għal-liċenzjament dik ta' kunflitt ta' interess. Jidher illi f'ċertu żmien sviluppa disgwid bejn il-*partner *tar-Rikorrenti Clayton Formosa u Nigel Scerri li t-tnejn kienu jgħaddu xogħol lid-ditta ta'* accountants *fejn kienet taħdem ir-Rikorrenti. Li seta' jikkostitwixxi* conflict of interest *kien evitat għaliex ir-Rikorrenti ma kienetx taħdem fuq ix-xogħol mgħoddi lid-ditta mill-*partner *tagħha. Fil-fatt il-prinċipal tar-Rikorrenti kien għamilha ċar illi hi ma kienet tista' tara xejn mix-xogħol mgħoddi mill-*partner *tagħha, la taħdmu u lanqas tiċċekkjah (Seduta 29.1.20 fol. 6). Għaldaqstant kunflitt ta' interess f'das-sens ma kienx hemm. Li ġara huwa li Nigel Scerri wara li kellu d-disgwid ma' Clayton Formosa, il-*partner *tar-Rikorrenti, għamel pressjoni mas-Soċjetà Intimata biex tilliċenzja lir-Rikorrenti tant hu hekk li kitbilha ittra li tgħid illi jekk ma twaqqafx l-impjieg tar-Rikorrenti ma kienx se jibqa' jagħtiha xogħol iktar. Ir-Rikorrenti tgħid li fil-laqgħa li kellha meta nfurmawha bil-liċenzjament kienu fil-fatt urewha din l-ittra (Seduta 29.1.20 fol. 4-5). Jidher ċar li s-Soċjetà Appellata kienet kostretta li tissokkombi għall-*ultimatum *ta' Scerri u tilliċenzja lir-Rikorrenti għax inkella tippreġjudika sors qawwi tax-xogħol mogħti lilha. F'dan il-kuntest il-kwistjoni tal-iżbalji tar-Rikorrenti tieħu aspett differenti."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanti ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-17 ta' Lulju, 2020, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal, u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata. L-aggravji tagħha huma s-segwenti: (1) l-appellata qatt ma ppreżentat ċertifikat *ai termini* tar-regolament 2(1) tal-L.S. 452.91; (2) it-Tribunal iddeċieda li l-kawża odjerna ma kinitx msejsa fuq is-subinċiż (ċ) tar-regolament 12A tal-istess regolamenti.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellata wieġbet billi tistqarr li t-Tribunal iddeċieda b'mod ġust, u dan filwaqt li tispjega r-raġunijiet tagħha għaliex l-appell għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata, u dan fid-dawl ta' dak li kkonstata u ddeċieda t-Tribunal.

9. L-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta jirrigwarda l-fatt li l-appellata qatt ma ppreżentat ċertifikat skont ir-regolament 2 subinċiż (1) tal-L.S. 452.91. Għalhekk l-imsemmija soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li l-appellata qatt ma setgħet tiġi kkonsidrata bħala persuna tqila u tingħata l-protezzjoni ta' dawk ir-regolamenti. It-tieni aggravju tagħha mbagħad jirrigwarda l-qofol tal-

vertenza bejn il-partijiet. Is-soċjetà appellanta tissottometti li huwa ċar li t-Tribunal iddeċieda l-kwistjoni bejn il-partijiet abbażi tas-subinċiż (ċ) tar-regolament 12(A) tal-L.S. 452.91. Dan meta fuq rikors tas-soċjetà appellanta fejn talbet l-imsemmi Tribunal ibiddel l-ordni tiegħu tad-29 ta' Marzu, 2019 sabiex tressaq hi l-ewwel il-provi tagħha skont dak ir-regolament, it-Tribunal osserva li *"...ma jirriżultax li qed issir allegazzjoni li din it-tkeċċija saret għaliex hija kienet tqila".* Tkompli tirrileva li f'dan l-istadju l-appellata ma kienet bl-ebda mod għamlet kjarifika fuq liema bażi hija kienet ressqet l-ilment tagħha. Is-soċjetà appellanta tissottometti li l-oneru ta' prinċipal li juri li t-tkeċċija ta' impjegata tqila saret għal raġuni ġusta u suffiċjenti, tqum biss jekk din turi li hemm *"fatti li minnhom wieħed jista' jippresumi li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta relatata mal-kundizzjoni tagħha".* Fil-każ odjern l-appellata ma kinitx qiegħda tikkontendi li hija twaqqfet mix-xogħol għaliex kienet tqila jew għaliex kellha tarbija, u lanqas ressqet prova f'dan ir-rigward. Għalhekk l-oneru tal-prova qatt ma ġie spustjat għal fuq is-soċjetà appellanta u t-Tribunal qatt ma seta' jasal għad-deċiżjoni li fil-fatt wasal għaliha.

10. L-appellata min-naħa tagħha tissottometti li hija bdiet taħdem mas-soċjetà appellanta meta kellha seba' xhur tqala u d-direttur tagħha kien saħansitra stqarr li huwa kien jaf li hi kienet tqila. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, tgħid li r-Regolament 12 jagħmel riferiment għaċ-ċertifikat sabiex il-prinċipal b'hekk ikollu konferma li l-impjegata tkun tassew tqila, imma fil-każ tagħha dan seta' jikkonstatah b'għajnejh għal xahrejn sħaħ. L-appellata għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, filwaqt li tgħid li t-Tribunal kien korrett fid-digriet tiegħu tas-17 ta'

Mejju, 2019, tinsisti li t-tkeċċija tagħha kienet motivata minn raġunijiet ’il hemm mill-*performance* tagħha fuq ix-xogħol.

11. Il-Qorti tgħid li s-soċjetà appellanta hija korretta meta ssostni li t-Tribunal naqas għaliex għamel interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi. Kif tissottometti s-soċjetà appellanta, id-dispożizzjonijiet tas-subregolament 2(1) tal-L.S. 452.91 ma jħallu lok għall-ebda dubju li ‘impjegata tqila’ hija tenuta tgħaddi bil-miktub mhux biss avviż lill-prinċipal dwar l-istat tagħha, iżda anki ċertifikat ta’ tabib jew qabla reġistrati, bid-data tat-twelid mistennija fiż-żmien ħmistax-il jum minn dak l-avviż. Il-Qorti tagħraf li t-Tribunal, għalkemm skont is-subartikolu 78(3) tal-Parti III tat-Titolu II tal-Kap. 452, huwa marbut li japplika l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, jitħalla ċerta diskrezzjoni fil-mod li jiddeċiedi l-vertenza bejn il-partijiet. Tagħraf ukoll li t-Tribunal ma ddeċidiex li l-impjegata kienet eżentata milli tagħti l-avviż u tipproduċi ċ-ċertifikat meħtieġ skont il-liġi, iżda biss għaraf li b’hekk dan ma kienx ifisser li hija ma kinitx tqila, tant hu hekk l-istat tagħha kien wieħed li avvera ruħu permezz tat-twelid tat-tarbija.

12. Madankollu l-Qorti tgħid li xorta waħda l-appellata kienet tenuta li ssegwi d-dettami tas-subregolament 2(1) tal-L.S. 452.91, jekk xtaqet li dawn japplikaw fil-konfront tagħha, iżda dan m’għażlitx li tagħmlu tant hu hekk li kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellanta, il-lanjanza tagħha ta’ tkeċċija ma tirrigwardax l-istat tagħha. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għar-rikors promotur tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn l-appellata tiddikjara b’mod ampjament ċar li:

> *"Jirriżulta li r-raġuni veritiera wara t-tkeċċija tal-esponenti kienet pressjoni ta' terz sabiex dina titkeċċa sabiex issir tpattija fuq l-istess esponenti u s-sieħeb tagħha. In ogni każ, dan ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-provi".*

13. Il-Qorti filwaqt li tqis li l-appellata ma setgħetx tinvoka favur tagħha d-dispożizzjonijiet tal-L.S. 452.91, ġaladarba hija ma kinitx tat l-avviż bil-miktub u ppreżentat iċ-ċertifikat tat-tabib jew qabla skont kif rikjest minnha minn dawk l-istess regolamenti, tgħid li xorta waħda l-appellata ttentat li ssejjes l-azzjoni tagħha fuqhom. Imma mir-rikors tal-appellata, mill-ewwel huwa evidenti li r-raġuni għat-tkeċċija tagħha ma kienx l-istat tagħha, iżda fatti li jmorru oltre u li huma bl-ebda mod relatati. Dan ikkonfermah bil-ġurament fix-xhieda tiegħu l-*Managing Director* tas-soċjetà appellanta, Christian Gravina[3] wara li spjega fid-dettall ir-raġunijiet li waslu għat-tkeċċija malajr tagħha.

14. Meta fil-21 ta' Diċembru, 2018 l-appellata ngħatat l-avviż mingħand is-soċjetà appellanta tat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha, hija kienet għadha fit-terminu stabbilit ta' *probation,* u dan kif jirriżulta mill-kuntratt ta' impjieg tal-appellata[4] fejn permezz tal-ewwel klawsola tiegħu ġie miftiehem li hija għandha tibda l-impjieg tagħha fl-1 ta' Ottubru, 2018 u li l-ewwel sitt xhur għandhom ikunu *"probationary employment".* Għalhekk skont is-subartikolu 36(2) tal-Kap. 452, kif ukoll rifless fil-klawsola 1.2 ta' dak il-kuntatt, hija setgħet titkeċċa mingħajr ma tingħata raġuni għat-tkeċċija tagħha, sakemm tirċievi avviż ta' ġimgħa bil-quddiem tat-tkeċċija tagħha.

---

[3] Seduta 29.05.19 *a fol.* 115 *tergo.*
[4] *A fol.* 6 *et seq.* tal-atti quddiem it-Tribunal.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-aggravji tas-soċjetà appellanta huma ġustifikati u tilqagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu, u b'hekk tħassar id-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' wkoll l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll dawk quddiem it-Tribunal, għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**